MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru. 249/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**
**Jolene Camilleri ta' 21 sena bint Carmelo u Theresa nee' Agius mwielda Pieta' fit-30 ta' Ottubru 1986, residenti 9, Flat 1, Triq  Merkanti, Valletta u detentrici tal-karta ta'l-identita' 543786(M).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Jolene Camilleri akkuzata talli fil-Belt Valletta fil-lejl bejn it-Tnejn 26 u it-Tlieta 27 ta' Marzu 2007 ghal habta ta' nofs il-lejl:

1. ikkomettiet serq ta' *vending machine* ghad-dannu tal-kumpanija Interbrands Ltd. Operata minn J.C.C. Vending, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. u iktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' l-imsemmija *cigarette vending machine* ghad-dannu tal-kumpanija Interbrands Ltd. operata minn J.C.C. Vending, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju 2007.

Semghet illi l-imputata ma kelliex oggezzjoni li dan l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti irrizulta illi insterqet *vending machine* bl-affarijiet kollha li kien hemm gewwa fiha konsistenti f'sigaretti u flus, minn gewwa kaffeterija bl-isem ta' Caravaggio gewwa Pjazza San Gwann, il-Belt. Dina il-*vending machine* kienet giet mikrija lil dana l-istabbiliment mis-socjeta Interbrands Limited, li ghalhekk kienu is-sidien ta' dina l-magna kif ukoll tal-flus u l-oggetti li kien gewwa fiha. Peress illi l-istabbiliment bl-isem Caravaggio kellu *cameras* CCTV stazzjonati fuq in-naha ta' barra tieghu, mill-filmati migbura mill-imsemmija camera, l-pulizija setghet tasal ghall-persuna li ikkomettiet dana ir-reat. Fil-fatt mid-dokumenti esebiti u cioe' Dokument JC3 u Dokument JC7, tidher persuna qieghda igorr fizikament dina l-magna minn fuq il-post, liema

persuna tixbah lill-imputata. Dana gie ikkonfermat mis-surgent Patrick Bonnici, li meta ra l-*images* mehuda minn fuq dina l-camera, mal-ewwel gharaf lil dina l-persuna bhala Jolene Camilleri u cioe' l-imputata, billi jidher illi hija kienet diga maghrufa mal-pulizija.

Fil-fatt meta l-imputata, imbaghad giet arrestata, u rrilaxxjat stqarrija, wara li giet moghtija d-debita twissija skond il-ligi, hija ammettiet mal-ewwel illi kienet hija stess li serqet dina l-*vending machine* u dana sabiex tiehu il-flus minn gewwa fiha, liema flus kellha bzonn sabiex tissoddisfa l-problema li kellha tad-droga.

Inoltre, minn investigazzjonijiet ulterjuri li ghamlu il-pulizija, dina l-vending machine instabet proprju fil-post fejn tirrisjedi l-istess imputat gewwa Triq Merkanti il-Belt. Fil-fatt dina instabet fil-partijiet komuni ta' blokk ta'l-appartamenti fejn l-imputata tirrisjedi mal-genituri taghha.

Dana kollu iwassal il-Qorti ghal konvinciment illi kienet proprju l-imputata illi ikkomettiet ir-reati li bihom tinsab akkuzata.

Madanakollu mix-xhieda kemm ta' Jean Claude Chetcuti, kif ukoll ta' Jurgen Baldacchino (ara fols. 32 u 42 tal-process), it-tnejn impjegati mas-socjeta derubata, irrizulta illi kemm il-*vending machine* kif ukoll is-sigaretti u il-flus li kien hemm gewwa fiha ma intmessewx u gew ritornati lilhom fil-mori ta' dina l-kawza. Illi jidher illi l-imputata ippruvat tiftah dina l-magna permezz ta' xi turnavit (u dana kif tghid hija stess fl-istqarrija taghha -_Dokument JC1 fol.19 et.seq.) u ghalhekk ikkagunat xi hsara fl-istess magna, liema hsara tammonta ghal Lm180.16 (Dokument JC5 a fol.35).

Illi dwar piena, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoi il-fatt illi l-oggetti derubati konsistenti fil-magna u l-oggetti li kien hemm gewwa fiha, gew illum ritornati lil sidha u cioe' lis-socjeta Interbrands Limited, kif ukoll il-fatt illi l-imputata illum qieghda tistenna it-twelid ta' tarbija. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex wahda idoneja,

izda l-imputata ghandha tigi meghjuna sabiex telgheb il-vizzju tad-droga jekk dina ghadha ezistenti.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 267, 270, 271, 279, 280, u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qiegheda tqieghed lil hatja taht ordni ta' probation u dana ghal zmien tlett snin mil-lum, b'dana illi l-imputata ghandha tigi meghjuna sabiex teghleb il-vizzju taghha tad-droga.

Il-Qorti wissiet lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' tlett snin jew jekk hija tonoqs milli tobdi l-odni ta' probation li qed tigi imposta fuqha illum b'dina is-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hatja thallas lis-socjeta Interbrands Limited s-somma ta' erba mija u dsatax-il euro u sitta u sittin centezmu (€419.66) ekwivalenti ghal Lm180.16 bhala kumpens ghal hsara sofferta mill-istess socjeta, u dana fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------